



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.8.2006
KUMM(2006) 491 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Rapport Annwali Tempus 2005

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Rapport Annwali Tempus 2005

1. KELMTEJN TA' QABEL

Il-Programm Tempus III (2000-2006) jiffoka fuq l-iżvilupp u l-modernizzazzjoni ta' l-edukazzjoni oġhla fis-27 pajjiż imsieħba permezz ta' kooperazzjoni ma' l-istituzzjonijiet mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġhla huma ta' importanza partikolari għall-proċess ta' tranżizzjoni soċjali u ekonomiku kif ukoll għad-djalogu inter-kulturali; huma wkoll mezz ta' ġabra ta' għarfien espert u ta' riżorsi umani u jipprovdu t-taħriġ għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda ta' mexxejja.

Deskrizzjoni dettaljata tal-programm Tempus tista' tinstab fuq il-URL li ġej:

http://europa.eu.int/comm/education/programmes/tempus/index_en.html

Ir-rapport annwali attwali huwa ppreżentat skond l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm Tempus (ĠU L 120 tat-8 ta' Mejju 1999).

2. L-IMPLIMENTAZZJONI TAT-TEMPUS FL-2005: IL-LINJI TA' AZZJONI EWLENIN

L-implimentazzjoni tal-programm fl-2005 kienet iggwidata mill-prijoritajiet li ġejjin:

- (1) It-tisħiħ ta' l-involviment ta' l-awtoritajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-programm;
- (2) It-tisħiħ tar-rwol ta' l-Uffiċċji Nazzjonali Tempus;
- (3) Il-konsolidament tat-treġija tal-programm;
- (4) It-titjib fit-tixrid tar-riżultati tal-programm;
- (5) It-tkomplija tat-tnejn tal-programm Tempus fil-ġejjieni.

Dawn il-prijoritajiet huma konformi mal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-evalwazzjoni intermedja ta' Tempus III li ġiet ippubblikata f'Novembru 2003. L-evalwazzjoni kkonfermat ir-rilevanza tal-programm biex jappoġġa r-riforma u l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni oġhla kif ukoll il-validità tal-loġika ta' l-intervent u l-istrateġiji tal-ġestjoni.

3. IT-TISĦIĦ TA' L-INVOLVIMENT TA' L-AWTORITAJIET NAZZJONALI

Wara l-esperjenza b'suċċess ta' Lulju 2004, f'April ta' l-2005, rappreżentanti minn pajjiżi msieħba attendew għal-laqgħa konġunta ma' rappreżentanti mill-Istati Membri. L-għan tal-laqgħa kien li wieħed jifhem aktar fil-fond il-qagħda ta' l-edukazzjoni oġhla fil-pajjiżi msieħba u li jiġu identifikati oqsma fejn il-kooperazzjoni permezz ta' Tempus tista' tipprovdi l-aqwa appoġġ biex titjeb il-kooperazzjoni. Il-laqgħa pprovdiet forum eċċellenti għall-iskambju u t-taħdidiet dwar żviluppi fl-edukazzjoni oġhla kemm fil-pajjiżi msieħba kif ukoll fl-UE.

Filwaqt li l-qagħda politika, ekonomika u ġenerali tal-pajjiżi msieħba tidher li hi estremament eteroġenea, mid-djalogu ħareġ livell ta' konverġenza impressjonanti fit-tħassib ewlieni tal-pajjiżi, l-aktar il-garanzija tal-kwalità, l-akkreditazzjoni, l-aċċess għall-edukazzjoni ogħla u l-allinjament ta' l-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xoġhol. Rappreżentanti minn pajjiżi msieħba enfażizzaw li Tempus kellu rwol importanti fit-tkegħġig u l-appoġġ ta' l-isforzi ta' riforma nazzjonali. Il-proġetti Tempus jipprovdu bażi ta' prova għall-gvernijiet u l-universitajiet peress li jinvolvu ħidmiet ta' kooperazzjoni konkreta f'oqsma ewlenin bħar-riforma tal-kurrikulu u l-immaniġġjar ta' l-università. Id-djalogu kkonferma li maġġoranza ta' pajjiżi msieħba fi ħdan u barra mill-Ewropa b'mod ċar iqisu l-proċess ta' Bologna bħala punt ta' referenza fir-riformi tagħhom.

Id-djalogu ma' l-awtoritajiet nazzjonali tkompla fi ħdan il-qafas ta' sensiela ta' mawriet fil-pajjiżi msieħba magħmula mill-persunal tal-Kummissjoni.

Bil-ħsieb li jissaħħaħ l-involviment ta' l-awtoritajiet nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-programm u b'mod partikolari sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-prijoritajiet nazzjonali fil-proċess ta' għażla, is-servizzi tal-Kummissjoni żviluppaw strateġija ġdida ta' konsultazzjoni mal-ministri ta' l-edukazzjoni fil-pajjiżi msieħba. Permezz ta' dan, l-opinjoni mogħtija mill-ministri ta' l-edukazzjoni nazzjonali issa tgħodd għall-puntegħ finali tal-proġetti u tinfluwenza b'mod aktar sinifikanti l-għażla aħħarja.

4. IT-TISĦIĦ TAR-RWOL TA' L-UFFIĊĊJI NAZZJONALI TEMPUS

L-Uffiċċji Nazzjonali Tempus (National Tempus Offices NTOs) fil-pajjiżi msieħba għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-programm billi jipprovdu taġħrif lill-utenti attwali u prospettivi tal-programm, kif ukoll billi jipprovdu kummenti lis-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea dwar proġetti kurrenti.

Fl-2005, is-servizzi tal-Kummissjoni saħħew aktar il-kooperazzjoni tagħhom man-netwerk ta' l-NTO. Waħda mill-ħidmiet ewlenin matul l-ewwel semestru kienet it-tkejjija tal-programmi ta' ħidma ta' l-NTO skond il-linjigwida mħejjija fl-aħħar kwart ta' l-2004. Dawn il-linjigwida maħsuba biex iġibu l-koerenza orizzontali fil-programmi ta' ħidma ta' l-NTO u l-appoġġ finanzjarju marbut magħhom.

F'dan il-kuntest, wieħed mill-obiettivi kien li l-NTOs ikunu involuti aktar mill-qrib f'attivitajiet ta' sorveljanza ta' oqsma. F'Marzu u f'Ottubru 2005, saru laġġat fi Brussell għall-Uffiċċji Nazzjonali Tempus fejn ġiet ippreżentata u żviluppata strateġija għall-iżvilupp ta' dan ir-rwol ta' sorveljanza. Inġhata taħriġ lill-NTOs fuq attivitajiet ta' sorveljanza, u nħoloq ktejjeb b'rakkomandazzjonijiet prattiċi. Is-sorveljanza mwettqa mill-NTOs tikkomplimenta attivitajiet imwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni u l-għajnuna teknika tagħha (li hija pprovduta mid-Dipartiment Tempus tal-Fondazzjoni Taħriġ Ewropew).

Fl-2005, is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw u temmew l-għażla ta' NTOs ġodda għall-Kazakhstan, il-Kyrgyzstan u t-Tajikistan. Il-ftuħ formali ta' l-NTO Tempus tar-Russja seħħ f'Marzu 2005. Fi tmiem l-2005, l-NTOs kienu qed joperaw fil-pajjiżi msieħba kollha tat-Tempus.

5. L-IKKONSOLIDAR TAT-TREĠĠJA TAL-PROGRAMMI

Waħda mill-ewwel prijoritajiet għall-implimentazzjoni tat-Tempus fl-2005 kienet is-semplifikazzjoni tat-treġġja finanzjarja tal-programm li kien intbagħat lura mill-Fondazzjoni Ewropea tat-Taħriġ fl-2003 bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid. Sabiex il-volum ta' attività jinżel għal livell aktar manegġgabbli ttehdet deċiżjoni biex in-numru ta' Għotja ta' Mobilità Individwali jitnaqqas minn 800 għal 150 fis-sena.

Ċerti ftehimiet ta' għotja ma setgħux jinħelsu skond l-ippjanar stabbilit minħabba l-adozzjoni ttardjata ta' deċiżjonijiet ta' ffinanzjar jew minħabba dewmien fl-iffirmar ta' ftehimiet ta' iffinanzjar.

Bil-ħsieb li tkun issemplifikata t-treġġja ta' l-Għotja ta' Mobilità Individwali, ddaħħal tibdil importanti fil-Gwida għall-Applikanti f'Mejju 2005. Mir-rawnd ta' Ottubru 2005, dawn l-għotjiet se jitqiesu bħala boroż ta' studju kif hemm fid-definizzjoni tar-Regolament Finanzjarju. Għalhekk, l-għotja tista' tiġi ttrasferita fl-intier tagħha lill-applikanti b'riżultat pożittiv bħala pagament uniku. Fl-istess ħin, se jkun hemm il-faċilità tal-ħtiġijiet ta' rappurtaġġ.

B'konformità mar-rakkomandazzjonijiet ta' l-evalwazzjoni intermedja, is-servizzi tal-Kummissjoni implimentaw matul l-2004/2005 programm ambizzjuż ta' sorveljanza ta' l-oqsma b'mira ta' 10% tal-proġetti kurrenti u li nvolwew aktar minn 50 żjara fuq il-post. Kolloxx ma' kolloxx, ir-riżultati kienu pożittivi b'rata ogħla sew ta' proġetti li kellhom punti pożittivi aktar milli nuqqasijiet. Il-biċċa l-kbira mill-proġetti li saritilhom żjara marru aħjar minn dak li deher mis-sorveljanza mill-iskrivanija. Ir-riżultati ta' l-ewwel żjarat ta' sorveljanza ta' l-oqsma kkonfermaw li l-proġetti kurrenti ġeneralment jilhq u l-oġettivi tagħhom u huma rilevanti għall-aġenda ta' riforma nazzjonali.

Kif imsemmi hawn fuq, l-Uffiċċji Nazzjonali Tempus (NTO) qed jiġu involuti mill-qrib f'attivitajiet ta' sorveljanza ta' l-oqsma. L-għan hu li jkun hemm 60% ta' proġetti kurrenti li jkollhom żjara mill-NTOs (li jikkorrispondu għal total ta' 180 proġett). Is-sorveljanza mill-NTOs se tiffoka l-aktar fuq il-kwalità tar-riżultati li joħorġu mill-proġetti fil-post.

L-ippjanar għall-kampanja ta' sorveljanza tal-qasam 2005/2006 ġiet adottata fil-ħarifa ta' l-2005. Is-sorveljanza tal-qasam se tinvolvi s-servizzi tal-Kummissjoni, esperti mill-Fondazzjoni Ewropea tat-Taħriġ u l-Uffiċċji Nazzjonali Tempus fil-pajjiżi msieħba. Bis-sorveljanza msaħħa tal-qasam is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jifhmu aħjar dak li qed jiġri fil-qasam u l-amministraturi tal-programm jistgħu jaġġustaw il-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni fejn xieraq.

Barra miż-żjarat tal-qasam, is-sorveljanza preventiva għandha rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-programm. F'Mejju 2005, ġie organizzat seminar ta' taħriġ u networking fi Brussell għall-koordinaturi tal-proġetti Tempus-Tacis magħżula fl-2004 li ġarbu dewmien minħabba li l-ftehimiet finanzjarji f'dan ir-reġjun ġew ffirmati tard. Is-seminar iffoka fuq it-treġġja ta' ftehimiet ta' għotja u l-implimentazzjoni ta' proġetti in ġenerali.

Ġew konklużi ħames proċeduri ta' għażla matul l-2005. Dan jinkludi r-rawnds ta' għażla għall-Proġetti Ewropej Konġunti (skadenza fil-15 ta' Diċembru 2004), Miżuri Strutturali u Komplimentari (skadenzi fil-15 ta' Ottubru 2004 u l-15 ta' Frar 2005) u l-Għotjiet ta' Mobilità Individwali (skadenzi fil-15 ta' Frar u l-15 ta' Ottubru 2005). In-numru ta' applikanti għal kull rawnd ta' għażla baqa' għoli b'mod konsistenti, li jfisser li l-programm għadu jiġbed l-interess tal-komunità akkademika. B'mod partikolari, in-numru ta' applikanti għall-Miżuri Strutturali u Komplimentari qed jiżdied u l-kontenut tagħhom qiegħed jiffoka b'aktar saħħa fuq kwistjonijiet

orizzontali li huma ta' importanza għar-riforma u l-modernizzazzjoni ta' l-edukazzjoni ogħla fil-pajjiżi msieħba. Ir-riżultati tal-proċeduri ta' għażla li waslu fi tmiem fl-2005 jinsabu fl-annessi fid-dettall.

Il-Proġetti Ewropej Konġunti magħżula jaqgħu fl-oqsma ta' l-iżvilupp tal-curriculum (66%), l-amministrazzjoni ta' l-universitajiet (21%) u l-bini ta' l-istituzzjonijiet (13%). Il-proġetti ta' l-iżvilupp tal-curriculum jkopru medda wiesgħa ta' oqsma bħax-xjenzi applikati, it-teknoloġija, l-amministrazzjoni tan-negozju u x-xjenzi soċjali. Il-proġetti tal-bini ta' l-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni ta' l-universitajiet jappoġġjaw riformi marbuta mal-garanzija tal-kwalità, il-kwalità tat-tagħlim jew l-amministrazzjoni finanzjarja ta' l-universitajiet fil-pajjiżi msieħba. F'maġġoranza ta' pajjiżi, il-Miżuri Strutturali u Komplimentari magħżula huma marbuta b'mod ċar mal-linji ta' azzjoni tal-proċess ta' Bologna. Il-proġetti magħżula taħt din il-parti tal-programm jirrigwardaw kwistjonijiet bħat-tfassil ta' sistemi ta' garanzija ta' kwalità jew id-dħul ta' mekkaniżmi ta' trasferiment ta' kreditu. Il-proġetti jiffukaw ukoll fuq il-modernizzazzjoni ta' l-operazzjonijiet u s-servizzi ta' l-universitajiet, inkluż l-aġġornament ta' programmi ta' taħriġ, l-użu ta' teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u t-tiżi tar-relazzjonijiet internazzjonali. L-Għotjiet ta' Mobilità Individwali magħżula jirrigwardaw l-aktar il-perjodi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' studju (70%) u warajhom hemm l-attivitajiet ta' tħejjija għall-Proġetti Konġunti Ewropej (18%) u l-parteċipazzjoni f'konferenzi u seminars speċifiċi (12%). Kollox ma' kollox, wieħed jista' josserva li l-proġetti li ntbagħtu huma dejjem iżjed konformi mal-prijoritajiet nazzjonali stabbiliti mill-pajjiżi msieħba. Kważi l-proġetti kollha magħżula huma konformi mal-prijoritajiet nazzjonali.

Matul l-2005, kien hemm impenn ta' ammont totali ta' madwar € 57 miljun taħt it-Tempus. Ingħata ammont totali ta' madwar € 51.7 miljun lill-proġetti li ntagħżlu matul l-2005.

6. IT-TITJIB FIT-TIXRID TAR-RIŻULTATI TAL-PROGRAMM

Bil-ħsieb li jkun hemm titjib fit-tixrid tar-riżultati tal-programm u biex tikber aktar il-viżibilità tal-programm, il-websajt Tempus ġiet imfassla mill-ġdid fl-2005. Il-websajt il-ġdida hija aġġornata b'mod regolari b'aħbarijiet dwar il-programm bħall-iskadenzi għall-għażla, ir-riżultati ta' l-għażla, konferenzi u taħrif dwar appoġġ għall-amministrazzjoni ta' proġetti. Barra minn hekk, il-websajt fiha paġni dwar il-pajjiżi msieħba bi prijoritajiet nazzjonali għall-proġetti, taħrif dwar sistemi nazzjonali ta' edukazzjoni ogħla u taħrif fil-qosor dwar proġetti ffinanzjati.

L-istudju dwar is-sostenibilità ta' programmi ta' edukazzjoni ogħla ntemm fi tmiem l-2005. L-istudju jippermetti lill-applikanti u lill-koordinaturi tal-proġett jidentifikaw fatturi li jgħinu u jiżguraw is-sostenibilità ta' proġetti internazzjonali ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni ogħla u t-taħriġ u jieħdu l-miżuri xierqa f'dan ir-rigward. L-istudju jipprovdi strument ġdid, Ktejjeb dwar is-Sostenibilità, li jinsab fuq il-websajt Tempus flimkien ma' fuljett promozzjonali. Dawn l-istrumenti, li jenfażizzaw l-impenn tal-Kummissjoni lejn azzjonijiet sostenibbli, diġa qed juru kemm huma utli għall-Uffiċċji Nazzjonali Tempus li qed jerfġu r-responsabbiltà tal-ħidmiet ta' sorveljanza tal-qasam.

Tnedew żewġ studji oħra tematiċi fl-2005 bl-għajnuna tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ.

- L-ewwel nett, studju dwar il-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-impriżi. L-għanijiet ta' dan l-istudju huma li tingħata ħarsa lejn it-tendenzi u l-iżviluppi fil-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-impriżi fil-pajjiżi msieħba Tempus u tiġi promossa l-importanza tagħha bħala mezz ta' titjib ta' l-impjegabilità ta' l-istudenti. L-istudju se jiddeskrivi fil-qosor ir-rwol

li Tempus kellu u jista' jissokta jkollu fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-impriżi fil-pajjiżi msieħba. L-istudju ngħata bidu bħala segwitu għad-diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet tal-pajjiżi msieħba li matulhom ġiet identifikata bħala preokkupazzjoni komuni l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-impriżi. Fil-pajjiżi msieħba kollha, l-istrutturi ta' edukazzjoni ogħla jeħtieġu li jiġu adattati sabiex iwiegħbu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol kurrenti u fil-ġejjieni. L-istudju se jipproponi għadd ta' rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq eżempji ta' prassi tajba. Ir-riżultati ta' l-istudju se jiġu ppreżentati u mithadta f'seminar organizzat fl-Amman fid-9-10 ta' April 2006, organizzat b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea u l-Ministeru għall-Edukazzjoni Ogħla u r-Riċerka Xjentifika fil-Ġordan.

- It-tieni, l-istudji ta' l-impatt. Dawn l-istudji se jipprovdu stampa ta' l-impatt li Tempus kellu fuq l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, fuq l-individwi involuti fl-edukazzjoni ogħla u fuq l-organizzazzjonijiet marbuta mas-sistema ta' edukazzjoni ogħla jew li jibbenefikaw minnha fil-pajjiżi msieħba. L-għan ta' dan l-istudju huwa li jitjieb it-tixrid ta' l-informazzjoni dwar x'inkiseb permezz tat-Tempus s'issa u jsir kontribut fid-diskussjonijiet dwar il-futur tal-programm Tempus.

Bħala parti mill-istrateġija ta' promozzjoni tal-programm, ġie kkummissjonat video bit-titlu ta' "Tempus in Action". Dan il-video jikkonsisti fi tliet taqsimiet u jagħti ħarsa lejn il-komponenti varji rispettivi tal-programm. Il-parteċipanti fil-proġett fir-Russja, l-Ex-Repubblika Jugozlawa tal-Maċedonja u l-Eġittu ġew intervistati biex tingħata stampa ta' l-impatt li Tempus kellu fuq il-ħajja tax-xogħol u l-ambjent akkademiku u istituzzjonali tagħhom.

Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali Tempus fl-Istati Membri ssoktaw bir-rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-programm billi iffaċilitaw l-involviment ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla ta' l-UE permezz ta' attivitajiet ta' informazzjoni u għajnuna fit-tfittxija ta' l-imsieħba. Fl-2005, ġew organizzati ġranet ta' tagħrif Tempus fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi msieħba kif ukoll f'għadd mill-Istati Membri ta' l-UE.

7. IT-TKOMPLIJA TAT-TĦEJJIJA TAL-PROGRAMM TEMPUS FIL-ĠEJJIENI.

Il-Kummissjoni Ewropea tissokta tqis l-edukazzjoni ogħla bħala prijorità għall-attivitajiet ta' kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi ġirien. Hemm impenn qawwi biex il-programm Tempus jiġi estiż b'attenzjoni qawwi fuq il-kooperazzjoni universitarja bbażata fuq l-istituzzjonijiet lil hinn mill-2006. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bħalissa qed tikkunsidra l-possibilità li tagħti ċ-ċans lill-istudenti mill-pajjiżi ġirien jistudjaw fl-universitajiet ta' l-UE.

8. KONKLUŻJONI

L-implimentazzjoni tal-programm Tempus fl-2005 kienet iggwidata minn għadd ta' objettivi strateġiċi li lkoll intlaħqu b'mod sodisfaċenti. Id-djalogu kontinwu ma' l-awtoritajiet nazzjonali u l-involviment mill-qrib fid-definizzjoni tal-prijoritajiet u l-għażla ta' proġetti jiżguraw li l-attivitajiet iffinanzjati huma rilevanti għall-ħtiġijiet tal-pajjiż u konformi ma' l-obiettivi ta' riforma nazzjonali. Dan jiżgura l-padronanza tal-gvernijiet nazzjonali u jżid l-impatt ta' l-interventi tal-programm. L-Uffiċċji Nazzjonali Tempus fil-pajjiżi msieħba ssaħħu aktar u għandhom rwol importanti bħala ħolqa bejn l-awtoritajiet nazzjonali u partijiet oħra interessati. Ir-reazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali u r-riżultati tas-sorveljanza tal-qasam ikkonfermaw li Tempus għadu programm rilevanti ħafna biex jgħin lill-pajjiżi msieħba fir-riforma u l-immodernizzar tas-sistemi tagħhom ta' edukazzjoni ogħla.

LISTA TA' ANNESSI

- Anness 1: Tempus 2005 – Ħarsa Ġenerali Finanzjarja
- Ammonti allokati għal kull reġjun
 - Proġetti magħżula għal kull reġjun/ Ammonti mogħtija għall-proġetti magħżula
- Anness 2.1: Proġetti Ewropej Konġunti (*JEP*) Tabelli ta' Għażla għall-2005
- Tabella 1: CARDS
 - Tabella 2: Tacis
 - Tabella 3: MEDA
- Anness 2.2: Miżuri Strutturali u Kumplimentari (*SCM*) Tabelli ta' Għażla għall-2005
- Tabella 1: CARDS
 - Tabella 2: Tacis
 - Tabella 3: MEDA
- Anness 2.3: Għotjiet Individwali ta' Mobilità (*IMG*) Tabelli ta' Għażla għall-2005
- Tabella 1: CARDS
 - Tabella 2: Tacis
 - Tabella 3: MEDA
- Anness 3.1: Proġetti Ewropej Konġunti (*JEP*) - Tabella ta' Għażla għall-2005 minn Stat Membru ta' l-UE
- Anness 3.2: Miżuri Strutturali u Kumplimentari (*SCM*) - Tabella ta' Għażla għall-2005 minn Stat Membru ta' l-UE

TEMPUS 2005 – ĦARSA ĠENERALI FINANZJARJA

Tempus 2005 - Ammonti allokati għal kull reġjun f'€			
	CARDS	Tacis	MEDA
JEP	11,550,002.57	19,737,640	12,523,383
IMG	318,790	634,340	495,800
SCM	2,456,797.38	3,118,961.72	1,590,094.75
NTO	685,170.83	746,693.57	551,671.60
ETF	381,255.28	650,226.45	481,778.36
Oħrajn	172,218.48	424,738.67	419,883.16
Total	15,564,234.54	25,312,603	16,062,611

Tempus 2005 – Proġetti magħżula għal kull reġjun / Ammonti mogħtija f' €		
	CARDS	Ammont mogħti għal proġetti magħżula
JEP (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2004)	29	11,550,002.57
SCM (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2004)	7	697,395.43
SCM (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2005)	13	1,527,241.70
IMG (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2005)	39	124,990.00
IMG (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2005)	15	85,080.00
Total	103	13,984,709.70

Tempus 2005 – Proġetti magħżula għal kull reġjun / Ammonti mogħtija f' €		
	Tacis	Ammont mogħti għal proġetti magħżula
JEP (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2004)	47	18,610,480.00
SCM (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2004)	10	1,117,243.00
SCM (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2005)	13	1,700,309.00
IMG (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2005)	60	208,860.00
IMG (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2005)	34	159,830.00
Total	164	21,796,722.00

Tempus 2005 – Proġetti magħżula għal kull reġjun / Ammonti mogħtija f' €		
	MEDA	Ammont mogħti għal proġetti magħżula
JEP (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2004)	32	13,918,458.00
SCM (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2004)	9	1,123,121.75
SCM (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2004)	5	548,301.75
IMG (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2005)	50	185,600.00
IMG (skadenza tal-15 ta' Diċembru 2005)	19	74,080.00
Total	115	15,849,561.50

- JEP: Proġett Ewropew Konġunt; SCM Miżuri Strutturali u Kumplimentari; IMG Għotja Individwali ta' Mobilità; NTO Uffiċċju Nazzjonali Tempus; ETF Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ

Proġetti Ewropej Konġunti (*JEP*) Tabelli ta' Għażla għall-2005

- It-tabelli li jidhru hawn taħt ikopru l-għażla tal-Proġetti Ewropej Konġunti (*JEPs*) li twettqu fl-2005 wara s-sejħa għall-proposti li għalqet fil-15 ta' Diċembru 2004. It-tabella tirrifletti l-għadd ta' proġetti magħżula li fihom huma involuti istituzzjonijiet minn pajjiż imsieħeb.
- Il-proġetti nazzjonali jimmiraw esklużivament pajjiż imsieħeb wieħed ta' Tempus. Proġetti multinazzjonali jinvolvu aktar minn pajjiż imsieħeb wieħed.

JEP – TEMPUS CARDS (Anness 2.1 – Tabella 1)			
Pajjiż imsieħeb	Nazzjonali / Multinazzjonali	Proġetti totali magħżula	Total Mogħti f'€
1244-il-Kosovo	Nazzjonali	2	587,752.00
	Multinazzjonali	1	230,000.00
	Total	3	817,752.00
L-Albanija	Nazzjonali	2	519,030.00
	Multinazzjonali	2	323,642.60
	Total	4	842,672.60
Il-Bożnija u l-Herzegovina	Nazzjonali	4	1,409,601.00
	Multinazzjonali	2	335,939.45
	Total	6	1,745,540.45
Il-Kroazja	Nazzjonali	7	3,377,600.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	7	3,377,600.00
L-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	Nazzjonali	5	1,949,926.00
	Multinazzjonali	1	149,828.16
	Total	6	2,099,754.16
Is-Serbja u l-Montenegro	Nazzjonali	6	2,375,457.57
	Multinazzjonali	2	291,225.79
	Total	8	2,666,683.36

JEP – TEMPUS TACIS (Anness 2.1 – Tabella 2)

Pajjiż imsieħeb	Nazzjonali / Multinazzjonali	Proġetti totali magħżula	Total Mogħti f'€
L-Armenja	Nazzjonali	2	420,103.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	2	420,103.00
L-Ażerbajġan	Nazzjonali	2	564,308.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	2	564,308.00
Il-Belarus	Nazzjonali	1	265,996.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	1	265,996.00
Il-Ġeorġja	Nazzjonali	3	1,212,353.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	3	1,212,353.00
Il-Każakstan	Nazzjonali	1	498,480.00
	Multinazzjonali	1	94,932.00
	Total	2	593,412.00
IL-Kirgiztan	Nazzjonali	1	279,900.00
	Multinazzjonali	2	319,121.00
	Total	3	599,021.00
Il-Moldovja	Nazzjonali	3	841,237.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	3	841,237.00
Il-Federazzjoni Russa	Nazzjonali	17	7,421,467.00
	Multinazzjonali	1	34,325.00
	Total	18	7,455,792.00
It-Taġikistan	Nazzjonali	-	-
	Multinazzjonali	-	-
	Total	-	-
It-Turkmenistan	Nazzjonali	2	740,556.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	2	740,556.00
L-Ukraina	Nazzjonali	9	3,881,117.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	9	3,881,117.00
L-Uzbekistan	Nazzjonali	4	1,735,703.00
	Multinazzjonali	2	300,882.00
	Total	6	2,036,585.00

JEP – TEMPUS MEDA (Anness 2.1 – Tabella 3)

Pajjiż insieħeb	Nazzjonali / Multinazzjonali	Proġetti totali magħżula	Total Mogħti f'€
L-Alġerija	Nazzjonali	4	1,363,495.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	4	1,363,495.00
L-Eġittu	Nazzjonali	6	2,865,781.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	6	2,865,781.00
Il-Ġordan	Nazzjonali	1	498,900.00
	Multinazzjonali	2	379,214.33
	Total	3	878,114.33
Il-Libanu	Nazzjonali	3	1,392,078.00
	Multinazzjonali	1	59,388.00
	Total	4	1,451,466.00
Il-Marokk	Nazzjonali	6	2,468,895.00
	Multinazzjonali	1	250,000.00
	Total	7	2,718,895.00
L-Awtoritá Palestinjana	Nazzjonali	2	949,598.00
	Multinazzjonali	1	261,128.67
	Total	3	1,210,726.67
Is-Sirja	Nazzjonali	3	1,267,528.00
	Multinazzjonali	2	367,426.00
	Total	5	1,634,954.00
Tuneżija	Nazzjonali	3	1,426,250.00
	Multinazzjonali	2	368,776.00
	Total	5	1,795,026.00

MIŻURI STRUTTURALI U KOMPLIMENTARI (*scm*) TABELLI TA' GĦAŻLA GĦALL-2005

- It-tabelli li jidhru hawn taħt ikopru l-għażla tal-Miżuri Strutturali u Komplimentari wara s-sejħa għall-proposti li għalqet fil-15 ta' Ottubru 2004 u fil-15 ta' Frar 2005. It-tabella turi l-għadd ta' proġetti magħżula li fihom huma involuti istituzzjonijiet minn xi pajjiż imsieħeb partikolari.
- Il-proġetti nazzjonali għandhom esklużivament bħala mira pajjiż imsieħeb Tempus wieħed. Il-proġetti multi-nazzjonali jinvolve aktar minn pajjiż imsieħeb wieħed.

SCM – TEMPUS CARDS (Anness 2.2 – Tabella 1)			
Pajjiż Imsieħeb	Nazzjonali / Multipajjiż	Proġetti Totali Magħżula	Total mogħti f' €
1244 - Kożovo	Nazzjonali	1	141,550.70
	Multinazzjonali	3	115,301.93
	Total	4	256,852.63
L-Albanija	Nazzjonali	1	43,585.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	1	43,585.00
Il-Bosnija u Herżegovina	Nazzjonali	3	358,848.00
	Multinazzjonali	1	50,000.00
	Total	4	408,848.00
Il-Kroazja	Nazzjonali	3	355,435.43
	Multinazzjonali	2	59,968.93
	Total	5	415,404.36
L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja	Nazzjonali	3	334,370.00
	Multinazzjonali	2	71,716.93
	Total	5	406,086.93
Is-Serbja u l-Montenegro	Nazzjonali	6	644,015.60
	Multinazzjonali	1	9,968.93
	Total	7	653,984.53

SCM – TEMPUS TACIS (Anness 2.2 – Tabella 2)			
Pajjiż Imsieħeb	Nazzjonali / Multinazzjonali	Proġetti Totali Magħżula	Total mogħti f' €
L-Armenja	Nazzjonali	-	-
	Multinazzjonali	-	-
	Total	-	-
L-Ażerbajġan	Nazzjonali	-	-
	Multinazzjonali	-	-
	Total	-	-
Il-Belarus	Nazzjonali	-	-
	Multinazzjonali	-	-
	Total	-	-
Ġeorġja	Nazzjonali	-	-
	Multinazzjonali	-	-
	Total	-	-
Il-Kazakistan	Nazzjonali	1	144,522.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	1	144,522.00
IL-Krriġżtan	Nazzjonali	2	139,730.00
	Multinazzjonali	1	61,390.00
	Total	3	201,120.00
Il-Moldovja	Nazzjonali	1	94,800.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	1	94,800.00
Il-Federazzjoni Russa	Nazzjonali	8	1,116,959.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	8	1,116,959.00
It-Taġikistan	Nazzjonali	2	225,388.00
	Multinazzjonali	1	61,390.00
	Total	3	286,778.00
It-Turkmenistan	Nazzjonali	-	-
	Multinazzjonali	-	-
	Total	-	-
L-Ukrajna	Nazzjonali	4	467,930.00
	Multinazzjonali	1	39,875.70
	Total	5	507,805.70
L-Uzbekistan	Nazzjonali	3	389,891.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	3	389,891.00

SCM – TEMPUS MEDA (Anness 2.2 – Tabella 3)			
Pajjiż Imsieħeb	Nazzjonali / Multinazzjonali	Proġetti Totali Magħżula	Total mogħti f' €
L-Alġerija	Nazzjonali	-	-
	Multinazzjonali	1	25,200.00
	Total	1	25,200.00
L-Eġittu	Nazzjonali	4	502,725.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	4	502,725.00
Il-Ġordan	Nazzjonali	1	126,934.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	1	126,934.00
Il-Lebanon	Nazzjonali	1	93,577.50
	Multinazzjonali	-	-
	Total	1	93,577.50
Il-Marokk	Nazzjonali	3	352,454.25
	Multinazzjonali	1	50,400.00
	Total	4	402,854.25
L-Awtorità Palestinjana	Nazzjonali	2	243,375.75
	Multinazzjonali	-	-
	Total	2	243,375.75
Is-Sirja	Nazzjonali	1	149,707.00
	Multinazzjonali	-	-
	Total	1	149,707.00
It-Tunizija	Nazzjonali	1	101,850.00
	Multinazzjonali	1	25,200.00
	Total	2	127,050.00

TABELLI TA' GĦAŻLA 2005 GĦOTJIET TA' MOBILITÀ INDIVIDWALI (IMG)

- It-tabelli li jidhru hawn taħt ikopru l-għażla ta' Miżuri ta' Mobilità Individwali (IMGs) imwettqa fl-2005 wara s-sejħa għall-proposti li għalqet fil-15 ta' Frar 2005 u fil-15 ta' Ottubru 2005. Iċ-ċifri jinkludu IMGs magħżula li jinvolvu ċittadini jew istituzzjonijiet li jospitaw mill-pajjiżi msieħba kkonċernati.

IMG – TEMPUS CARDS (Anness 2.3 – Tabella 1)		
Pajjiż Imsieħeb	Proġetti Totali Magħżula	Total mogħti f' €
1244 - Kożovo	3	19,510.00
L-Albanija	11	48,040.00
Il-Bosnija u Herżegovina	4	12,470.00
Il-Kroazja	11	30,850.00
L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja	13	48,840.00
Iserbja u l-Montenegro	12	50,360.00

IMG – TEMPUS TACIS (Anness 2.3 – Tabella 2)		
Pajjiż Imsieħeb	Proġetti Totali Magħżula	Total mogħti f' €
L-Armenja	6	19,320.00
L-Ażerbajġan	3	15,580.00
Il-Belarus	5	18,230.00
Ġeorġja	5	16,260.00
Il-Każakstan	3	16,740.00
Il-Kirgiztan	5	27,660.00
Il-Moldovja	7	36,720.00
Il-Federazzjoni Russa	33	115,050.00
It-Taġikistan	2	15,640.00
It-Turkmenistan	3	12,640.00
L-Ukrajna	12	37,750.00
L-Użbekistan	10	37,100.00

IMG – TEMPUS MEDA (Anness 2.3 – Tabella 3)		
Pajjiż Imsieħeb	Proġetti Totali Magħżula	Total mogħti f' €
L-Alġerija	10	19,810.00
L-Eġittu	17	82,360.00
Il-Ġordan	5	14,160.00
Il-Lebanon	6	16,160.00
Il-Marokk	9	35,730.00
L-Awtorità Palestinjana	11	41,220.00
Is-Sirja	8	43,540.00
It-Tunizija	3	6,700.00

PROĠETTI EWROPEJ KONĠUNTI (JEP)
TABELLA TA' GĦAŻLA 2005 SKOND IL-PARTEĊIPAZZJONI TA' L-ISTATI MEMBRI UE

- It-tabella li tidher hawn taħt tkopru l-għażla ta' Proġetti Ewropej Konġunti (JEPs) imwettqa fl-2005 wara s-sejħa għall-proposti li għalqet fil-15 ta' Diċembru 2004. It-tabella turi l-għadd ta' istituzzjonijiet involuti fi proġetti magħżula rispettivament bħala detenturi ta' l-għotja jew imsieħbin.

L-Istat Membru UE:	Għadd ta' istituzzjonijiet involuti fi proġetti magħżula bħala detenturi ta' għotja	Għadd ta' istituzzjonijiet involuti fi proġetti magħżula bħala imsieħba	Total
L-Awstrija	6	15	21
Il-Belġju	3	19	22
Ċipru	-	-	-
Ir-Repubblika Ċeka	-	2	2
Id-Danimarka	-	3	3
L-Estonja	-	4	4
Il-Finlandja	3	4	7
Franza	27	42	69
Il-Ġermanja	20	34	54
Il-Greċja	3	9	12
L-Ungerija	2	6	8
L-Irlanda	1	6	7
L-Italja	9	24	33
Il-Latvja	-	1	1
Il-Litwanja	-	1	1
Il-Lussemburgu	-	1	1
Malta	-	1	1
L-Olanda	4	11	15
Il-Polonja	-	9	9
Il-Portugall	-	7	7
Ir-Repubblika Slovakka	-	4	4
Is-Slovenja	2	9	11
Spanja	4	24	28
L-Iżvezja	10	17	27
Ir-Renju Unit	14	18	32

**MIŻURI STRUTTURALI U KUMPLIMENTARI (SCM)
TABELLA TA' GĦAŻLA 2005 SKOND IL-PARTEĊIPAZZJONI TA' L-
ISTATI MEMBRI UE**

- It-tabella li tidher hawn taħt tkopri l-għażla tal-Miżuri Strutturali u Komplimentari (SCM) imwettqa fl-2005 wara s-sejħa għall-proposti li għalqet fil-15 ta' Ottubru 2004 u fil-15 ta' Frar 2005. It-tabella turi l-għadd ta' istituzzjonijiet involuti fi proġetti magħżula bħala detenturi ta' l-għotja jew imsieħba rispettivament.

L-Istat Membru UE:	Għadd ta' istituzzjonijiet involuti fi proġetti magħżula bħala detenturi ta' għotja	Għadd ta' istituzzjonijiet involuti fi proġetti magħżula bħala imsieħba	Total
L-Awstrija	1	9	10
Il-Belġju	1	5	6
Ċipru	-	-	-
Ir-Repubblika Ċeka	-	1	1
Id-Danimarka	-	1	1
L-Estonja	-	-	-
Il-Finlandja	-	3	3
Franza	12	13	25
Il-Ġermanja	19	24	43
Il-Greċja	-	5	5
L-Ungerija	-	2	2
L-Irlanda	-	1	1
L-Italja	4	10	14
Il-Latvja	-	-	-
Il-Litwanja	-	1	1
Il-Lussemburgu	-	-	-
Malta	-	1	1
L-Olanda	2	6	8
Il-Polonja	2	7	9
Il-Portugall	-	5	5
Ir-Repubblika Slovakka	-	2	2
Is-Slovenja	2	1	3
Spanja	4	8	12
L-Iżvezja	7	11	18
Ir-Renju Unit	3	8	11